MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 450/2010

**George F.Said (31959G)**

**Vs**

**Patron Group Ltd. (C35360)**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat mill-attur fit-28 t'Ottubru 2010 permezz ta' liema jitlob li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma ta' sitt elef mija u tlieta u erbghin Ewro (€6,143.00) rapprezentanti servizzi varji rezi lilha kif ukoll spejjez mahruga f'isem is-socjetà konvenuta fuq istruzzjonijiet taghha stess. Dan l-ammont jirrizulta minn dikjarazzjoni iffirmata mir-rapprezentant tal-istess socjeta' konvenuta Paul Attard bhala Chairman, annessa ma' l-Avviz bhala Dok. "GFS1"; bl-ispejjez gudizzjarji u extra gudizzjarji, inkluz l-ittra ufficjali numru 5289/09 datata 29 ta' Settembru 2009, kif ukoll bl-imghaxijiet legali bl-ghola rati ai termini tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta

ikkalkulati mid-data tad-dikjarazzjoni tal-istess socjeta' konvenuta sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra s-socjetà konvenuta;

Rat illi s-socjetà konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz u bis-smigh izda naqset milli tipprezenta Risposta entro t-terminu prefiss u lanqas dehret ghas-seduti iffissati mill-Qorti;

Rat il-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur fil-konfront tas-socjetà konvenuta fit-28 ta' Marzu 2011 u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr ;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur waqt is-seduta tat-28 ta' April 2011 ;

Rat l-atti l-ohra tal-Avviz;

**Ikkunsidrat :**

Waqt is-seduta tat-28 ta' April 2011 l-attur ikkonferma l-bazi ta' l-azzjoni tieghu fil-konfront tas-socjetà konvenuta u kkonferma wkoll li l-ammont lilu dovut mill-istess socjetà huwa ta' €6,143. Ikkonferma in oltre li Paul Attard ghas-socjetà konvenuta ffirma dikjarazzjoni minn liema jirrizulta li jinsab ammess li l-ammont ta' €6,143 huwa dovut lill-attur.

Da parte taghha s-socjetà konvenuta naqset milli tirrispondi ghat-talba attrici u naqset ukoll milli tidher ghas-seduti ffissati minn din il-Qorti. Is-socjetà konvenuta naqset ukoll milli tidher quddiem il-Qorti biex tirrispondi ghall-Kapitolu ipprezentat fil-konfront taghha mill-attur, u ghalhekk l-istess Kapitolu qed jitqies moqri u mistqarr.

Minn dak li rrizulta mix-xhieda ta' l-attur il-Qorti hija tal-fehma li d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 26A et sequitur tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta dwar l-imghax dovut f'kaz ta' hlas tardiv ma japplikawx ghall-hlas pretiz u dovut lill-

istess attur. B'hekk l-imghax qual' volta dovut lilu huwa l-imghax legali ta' 8% skond id-disposizzjonijiet generali tal-Ligi.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallsu s-somma ta' sitt elef mija u tlieta u erbghin Ewro (€6,143.00), bl-imghax legali ta' 8% dekoribbli mid-29 ta' Settembru 2009, id-data ta' l-ittra ufficjali bin-numru 5289/09 mibghuta lis-socjetà konvenuta, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez gudizzjarji, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali numru 5289/09 datata 29 ta' Settembru 2009, jibqghu a karigu tas-socjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------